

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 10.9.2008  
KUMM(2008) 540 finali

2008/0176 (ACC)

Proposta għal

### **REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 55/2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

Fil-21 ta' Jannar 2008, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 55/2008<sup>1</sup> li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova<sup>2</sup> (ir-Regolament dwar il-PAK) u li jieħu post il-preferenzi ta' sistema ta' preferenzi ġeneralizzati (is-SPĠ) li l-Moldova qabel kienet intitolata għalihom. Dan ir-Regolament daħal fis-seħħ fil-31 ta' Jannar u ilu japplika mill-1 ta' Marzu 2008. Ir-regolament jipprovdi aċċess liberu għas-swieq ta' l-UE għall-prodotti kollha li joriġinaw mill-Moldova, ħlief għal ċerti prodotti agrikoli mniżżla fl-Anness 1 tar-regolament li għalihom ingħataw konċessjonijiet limitati, jew f'forma ta' eżenzjoni mid-dazji doganali fi ħdan il-limitu tal-kwoti tariffarji jew ta' tnaqqis ta' dazji doganali. Dawn huma ċerti prodotti tal-laħam u oħrajn tal-ħalib, il-bajd, iċ-ċereali, iz-zokkor, l-inbid, u ċertu frott u ħxejjex.

### **Spjegazzjoni tad-dispożizzjonijiet**

B'segwitu għad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-importaturi ġibdulna l-attenzjoni li l-mod kif inhu miktub bħalissa l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar il-PAK ħoloq diskrepanza *de facto* bejn l-applikazzjoni tal-preferenzi tas-SPĠ u l-applikazzjoni tal-PAK, filwaqt li l-intenzjoni kienet li jiġi żgurat li l-preferenzi tas-SPĠ jibqgħu japplikaw għall-esportazzjonijiet eliġibbli kollha sa meta l-PAK ikunu daħlu fis-seħħ għal kollox. Skond kif inhu miktub bħalissa, l-oġġetti koperti bis-SPĠ, li ġew esportati lejn l-UE bejn id-dħul fis-seħħ tal-PAK (31 ta' Jannar 2008) u l-bidu ta' l-applikazzjoni tar-reġim (1 ta' Marzu 2008) ma għandhom ikunu koperti mill-ebda reġim ladarba l-kuntratt tax-xiri ma jkunx sar qabel il-31 ta' Jannar 2008 u jekk ma jkunx hemm x'juri li l-oġġetti jkun ħarġu mill-Moldova mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2008. Biex tiġi kkoreġuta din is-sitwazzjoni, il-mod kif inhu miktub l-Artikolu 14(1), 14(1)(a), 14(1)(b), 14(2)(a), 14(2)(b), 14(2)(c) u 14(2)(d) irid jinbidel minn "id-data tal-bidu fis-seħħ" għal "id-data ta' l-applikazzjoni".

Barra minn hekk, waqt it-tħejjija għall-applikazzjoni tar-regolament u l-ġestjoni tal-kwoti mniżżla fl-Anness 1, instabu xi ftit inkonsistenzi bejn id-deskrizzjonijiet tal-kwoti u l-kodiċijiet NM applikabbli. Il-korrezzjonijiet proposti ma jikkontradixxux jew jibdlu l-metodoloġija użata biex jiġi ddeterminat id-daqs tal-kwoti għal kull grupp ta' prodott, li kien ibbażat fuq l-aqwa prestazzjoni ta' esportazzjoni tas-snin 2004-2006 biż-żidiet f'kull sena jkun jikkorrispondu maż-żidiet potenzjali fil-kapaċità ta' produzzjoni u esportazzjoni tal-Moldova sa l-2012. Il-bidliet proposti lill-Anness 1 tar-Regolament 55/2008 huma kif ġejjin:

1. *Kwota nru 09.0504 (laħam):* Ħassar il-kelma "domestiċi" fid-deskrizzjoni sabiex tagħmel id-deskrizzjoni tikkorrispondi mal-kodiċijiet NM.
2. *Kwota nru 09.0509 (qamħ komuni):* Il-kodiċi NM 1001 90 99 tħalla barra bi żball u għandu jiġi miżjud sabiex il-kwota tiġi tikkorrispondi ma' l-offerta li ġiet ibbażata fuq l-esportazzjonijiet tal-qamħ komuni u l-meslin kollu skond il-metodoloġija msemmija hawn fuq.
3. *Kwota nru 09.0514 (inbid):* Ħassar "ta' saħħa alkoħolika attwali bil-massa ta' mhux iktar minn 15 % mas," fid-deskrizzjoni sabiex tagħmel id-deskrizzjoni tikkorrispondi mal-kodiċijiet NM.

<sup>1</sup> ĠU L 20, 24.1.2008, p. 1

<sup>2</sup> Minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Moldova

### **Implikazzjonijiet għall-baġit**

Ir-Regolament propost ma jinvolvix spejjeż li joħorġu mill-baġit ta' l-UE jew għandu xi impatt fuq il-baġit ta' l-UE fil-forma ta' telf ta' qligħ mid-dwana lil hinn minn dak li kien stmat oriġinarjament għad-dħul fis-seħħ tal-preferenzi addizzjonali għall-Moldova.

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 55/2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 tal-21 ta' Jannar 2008, li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 980/2005 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/924/KE<sup>3</sup>, daħal fis-seħħ fil-31 ta' Jannar 2008 u qed ikun applikat mill-1 ta' Marzu 2008. Ir-Regolament jipprovdi aċċess liberu għas-swieq ta' l-UE għall-prodotti kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Moldova (minn issa 'l quddiem imsejħa l-Moldova), ħlief għal ċerti prodotti agrikoli mniżżla fl-Anness I tar-Regolament li għalihom ingħataw konċessjonijiet limitati, jew f'forma ta' eżenzjoni mid-dazji doganali fi ħdan il-limitu tal-kwoti tariffarji jew ta' tnaqqis ta' dazji doganali.
- (2) Il-mod kif inkiteb l-Artikolu 14 tar-Regolament ħoloq diskrepanza bejn l-applikazzjoni tas-sistema ta' preferenzi ġeneralizzati (is-SPĠ) li l-Moldova kienet intitolata għalihom sakemm jidħol fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 55/2008, u l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ (il-PAK), filwaqt li l-intenzjoni kienet li jiġi żgurat li s-SPĠ jibqgħu japplikaw għall-esportazzjonijiet eliġibbli kollha sa meta l-PAK ikunu daħlu fis-seħħ għal kollox. Skond l-Artikolu 14, l-oġġetti koperti bis-SPĠ, li ġew esportati lejn il-Komunità bejn id-dħul fis-seħħ tal-PAK u l-bidu ta' l-applikazzjoni tar-reġim mhux se jkunu koperti mill-ebda reġim ladarba l-kuntratt tax-xiri ma jkunx sar qabel il-31 ta' Jannar 2008 u jekk ma jkunx hemm x'juri li l-oġġetti jkunu ħarġu mill-Moldova mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2008. Biex tkun ikkoreġuta din-is-sitwazzjoni, il-mod kif inhu miktub l-Artikolu 14 għandu jkun emendat b'mod li jkun hemm referenza għad-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament u mhux għad-dħul tiegħu fis-seħħ.
- (3) Waqt it-tnejn għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 55/2008 u l-ġestjoni tal-kwoti mniżżla fl-Anness I, instabu xi ftit inkonsistenzi bejn id-deskrizzjonijiet tal-kwoti u l-kodiċijiet NM applikabbli. Sabiex jiġu kkoreġuti dawk l-iżbalji, il-kelma

---

<sup>3</sup> ĠU L 20, 24.1.2008, p. 1

“domestiċi” għandha titħassar fid-deskrizzjoni għall-kwota Nru 09.0504, il-kodiċi NM 1001 90 99 għandha tiġi miżjuda għall-kwota Nru 09.0509, u d-deskrizzjoni “ta’ saħħa alkoħolika attwali bil-massa ta’ mhux aktar minn 15 % mas,” għandha titħassar fid-deskrizzjoni tal-kwota Nru 09.0514. Il-korrezzjonijiet proposti ma jikkontradixxux jew jibdlu l-metodoloġija użata biex jiġi ddeterminat id-daqs tal-kwoti għal kull grupp ta’ prodott, li kien ibbażat fuq l-aqwa prestazzjoni ta’ esportazzjoni tas-snin 2004-2006 biż-żidiet f’kull sena jkunu jikkorrispondu maż-żidiet potenzjali fil-kapaċità ta’ produzzjoni u esportazzjoni tal-Moldova sa l-2012.

- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 55/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.
- (5) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri stipulati f’dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu applikati mingħajr dewmien bla bżonn, dan għandu jidħol fis-seħħ fil-għurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu<sup>o</sup>1*

Ir-Regolament(KE)Nru 55/2008 huwa emendat kif ġej:

- 1. L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:
  - (a) fil-frażi introduttorja tal-paragrafu 1, il-kelmiet “id-data tal-bidu fis-seħħ” jiġu sostitwiti bil-kliem “id-data ta’ l-applikazzjoni”;
  - (b) fil-paragrafi 1(a), 1(b), 2(a), 2(b), 2(c) and 2(d), il-kelmiet “id-data tal-bidu fis-seħħ” jiġu sostitwiti bil-kliem “id-data ta’ l-applikazzjoni”;
- 2. L-Anness I jiġi sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu<sup>o</sup>2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## ANNESS

### "ANNEX°I

#### PRODOTTI SOTTOMESSI GĦAL LIMITI KWANTITATTIVI JEW LIMITU TAL- PREZZ IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU°3

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandhom jitqiesu li ma għandhomx aktar minn valur indikattiv, peress li l-iskema preferenzjali hija ddeterminata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċijiet NM. Fejn huma indikati l-kodiċijiet ex NM, l-iskema preferenzjali għandha tkun iddeterminata bl-applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi magħha meħuda flimkien.

# **1. Prodotti soġġetti għall-kwoti tariffarji annwali ħielsa mid-dazju**

| Ordni Nru | Kodiċi NM                  | Deskrizzjoni                                                                                                                                                                                                                                 | 2008 <sup>(1)</sup>   | 2009 <sup>(1)</sup>   | 2010 <sup>(1)</sup>   | 2011 <sup>(1)</sup>    | 2012 <sup>(1)</sup>    |
|-----------|----------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------|-----------------------|-----------------------|------------------------|------------------------|
| 09.0504   | minn 0201 sa 0204          | Laħam frisk, imkessaħ u ffriztat ta' annimali bovini, ħnieżer domestiċi u nagħaġ u mogħoż                                                                                                                                                    | 3 000 <sup>(2)</sup>  | 3 000 <sup>(2)</sup>  | 4 000 <sup>(2)</sup>  | 4 000 <sup>(2)</sup>   | 4 000 <sup>(2)</sup>   |
| 09.0505   | ex 0207                    | Laħam u ġewwieni li jittiekel tat-tjur taħt it-titolu 0105 frisk, imkessaħ jew iffriżtat, appartati f'wied xaħmi taħt it-titolu 0204.34                                                                                                      | 400 <sup>(2)</sup>    | 400 <sup>(2)</sup>    | 500 <sup>(2)</sup>    | 500 <sup>(2)</sup>     | 500 <sup>(2)</sup>     |
| 09.0506   | ex 0210                    | Laħam u ġewwieni li jittiekel tal-ħnieżer u annimali bovini, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew iffumigat, dqiq u smida li jittieklu mil-laħam jew mill-fdalijiet tal-laħam jew ġewwieni tal-laħam tal-ħanżir domestiku jew annimali bovini | 400 <sup>(2)</sup>    | 400 <sup>(2)</sup>    | 500 <sup>(2)</sup>    | 500 <sup>(2)</sup>     | 500 <sup>(2)</sup>     |
| 09.4210   | minn 0401 sa 0406          | Prodotti tal-ħalib                                                                                                                                                                                                                           | 1 000 <sup>(2)</sup>  | 1 000 <sup>(2)</sup>  | 1 500 <sup>(2)</sup>  | 1 500 <sup>(2)</sup>   | 1 500 <sup>(2)</sup>   |
| 09.0507   | 0407.00                    | Bajd ta' l-għasafar, fil-qoxra                                                                                                                                                                                                               | 90 <sup>(3)</sup>     | 95 <sup>(3)</sup>     | 100 <sup>(3)</sup>    | 110 <sup>(3)</sup>     | 120 <sup>(3)</sup>     |
| 09.0508   | ex 0408                    | Bajd ta' l-għasafar, mhux fil-qoxra u isfar tal-bajd, appartati dak mhux tajjeb għall-konsum uman                                                                                                                                            | 200 <sup>(2)</sup>    | 200 <sup>(2)</sup>    | 300 <sup>(2)</sup>    | 300 <sup>(2)</sup>     | 300 <sup>(2)</sup>     |
| 09.0509   | 1001.90.91<br>1001.90.99   | Spelt ieħor (minbarra dak għaż-żrigħ), qamħ komuni u meslin                                                                                                                                                                                  | 25 000 <sup>(2)</sup> | 30 000 <sup>(2)</sup> | 35 000 <sup>(2)</sup> | 40 000 <sup>(2)</sup>  | 50 000 <sup>(2)</sup>  |
| 09.0510   | 1003.00.90                 | Xgħir                                                                                                                                                                                                                                        | 20 000 <sup>(2)</sup> | 25 000 <sup>(2)</sup> | 30 000 <sup>(2)</sup> | 35 000 <sup>(2)</sup>  | 45 000 <sup>(2)</sup>  |
| 09.0511   | 1005.90                    | Qamħirrun                                                                                                                                                                                                                                    | 15 000 <sup>(2)</sup> | 20 000 <sup>(2)</sup> | 25 000 <sup>(2)</sup> | 30 000 <sup>(2)</sup>  | 40 000 <sup>(2)</sup>  |
| 09.0512   | 1601 00 91 u<br>1601 00 99 | Zlazzet u prodotti simili, tal-laħam, tal-ġewwieni ta' l-annimali jew tad-demmi; preparazzjonijiet ta' l-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti                                                                                                  | 500 <sup>(2)</sup>    | 500 <sup>(2)</sup>    | 600 <sup>(2)</sup>    | 600 <sup>(2)</sup>     | 600 <sup>(2)</sup>     |
|           | ex 1602                    | Laħam ieħor, ippreparat jew ippreżervat, ġewwieni tal-laħam jew demmi:<br>- ta' tjur ta' l-ispeċi Gallus domesticus, mhux imsajjar,<br>- tal-ħnieżer domestiċi,<br>- ta' bhejjem ta' l-ifrat, mhux imsajjar                                  |                       |                       |                       |                        |                        |
| 09.0513   | 1701.99.10                 | Zokkor Abjad                                                                                                                                                                                                                                 | 15 000 <sup>(2)</sup> | 18 000 <sup>(2)</sup> | 22 000 <sup>(2)</sup> | 26 000 <sup>(2)</sup>  | 34 000 <sup>(2)</sup>  |
| 09.0514   | 2204 21 u<br>2204 29       | Inbid mill-għeneb frisk, ħlief inbid effervexxenti                                                                                                                                                                                           | 60 000 <sup>(4)</sup> | 70 000 <sup>(4)</sup> | 80 000 <sup>(4)</sup> | 100 000 <sup>(4)</sup> | 120 000 <sup>(4)</sup> |

(1) Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, ħlief għall-2008 mill-ewwel jum ta' l-applikazzjoni tar-Regolament sal-31 ta' Diċembru (2) tunnellati (piż nett). (3) miljuni ta' unitajiet, (4) ettolitri”

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI**  
**GĦANDHOM IMPATT FUQ IL-BAĠIT LIMITAT ESKLUŻIVAMENT GĦAN-**  
**NAĦA TAD-DĦUL**

**1. ISEM IL-PROPOSTA:**

Ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 55/2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova

**2. LINJI TAL-BAĠIT:**

Kapitolu u Artikolu: **Artikolu 120**

Ammont stmat għas-sena kkonċernata: **16 431 900 000**

**3. IMPATT FINANZJARJU**

- ☒ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjonijiet finanzjarji
- ☐ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq l-infiq iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

(€ miljun sa punt deċimali wieħed)

|                 |                                        |                                                 |          |
|-----------------|----------------------------------------|-------------------------------------------------|----------|
|                 |                                        |                                                 |          |
| Linja tal-baġit | Dħul <sup>4</sup>                      | Perjodu ta' 12-il xahar, li jibda<br>jj/xx/ssss | [Sena n] |
| Artikolu ...    | <i>L-impatt fuq ir-riżorsi proprji</i> |                                                 |          |
| Artikolu ...    | <i>L-impatt fuq ir-riżorsi proprji</i> |                                                 |          |

| Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni |       |       |       |       |       |
|-------------------------------|-------|-------|-------|-------|-------|
|                               | [n+1] | [n+2] | [n+3] | [n+4] | [n+5] |

<sup>4</sup> Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji fuq l-agrikoltura, imposti fuq iz-zokkor, dazji doganali), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % ta' l-ispejjeż tal-ġbir.

|              |  |  |  |  |  |
|--------------|--|--|--|--|--|
| Artikolu ... |  |  |  |  |  |
| Artikolu ... |  |  |  |  |  |

**4. MIŻURI KONTRA L-FRODI**

**5. RIMARKI OĦRAJN**